DIKJARAZZJONI TA' ELIĠIBBILTÀ U IMPENN

Jiena, hawn taħt iffirmat(a), fil-kapaċità tiegħi bħala r-rappreżentant debitament awtorizzat tal-Entità Awdjoviżiva Indipendenti identifikata hawn taħt u d-detentur tad-dokument tal-identità speċifikat hawn taħt, b'dan niddikjara u nikkonferma l-qbil tiegħi mat-termini u l-kundizzjonijiet vinkolanti li ġejjin li jirregolaw il-Wirja ta' Films Qosra Maltin - is-Suq tal-Films Qosra ta' Clermont-Ferrand 2027:

Niggarantixxi li jiena, hawn taħt iffirmat(a), qiegħed/qiegħda niffirma din id-dikjarazzjoni u nintrabat bit-termini tagħha, u li l-informazzjoni kollha fl-applikazzjoni hija veru, kompluta u preċiża.

Niddikjara li jiena, hawn taħt iffirmat(a), nissodisfa bis-sħiħ il-kriterji tal-eliġibbiltà tas-Sejħa. B'mod partikolari, nikkonferma li jiena, hawn taħt iffirmat(a), nirrappreżenta lill-Entità Awdjoviżiva Indipendenti (kif iddefinita fis-Sejħa) li hija fiskalment residenti f'Malta, hija rreġistrata taħt klassifikazzjoni NACE eliġibbli għas-Sejħa, u għandha reġistrazzjoni attiva tat-taxxa u tal-VAT f'Malta. Jiena, hawn taħt iffirmat(a), se nipprovdi kull dokument ta' sostenn li jintalab mill-KMA u se navża lill-KMA bil-miktub mingħajr dewmien bi kwalunkwe bidla li taffettwa l-eliġibbiltà tal-entità.

Jiena niggarantixxi b'mod espliċitu li l-entità li qiegħda tapplika għandha d-drittijiet kollha ta' sjieda sħaħ u ħielsa minn kull piż jew pretensjoni, jew il-liċenzji esklużivi, li jkopru d-drittijiet kollha tal-proprjetà intellettwali, tal-iskript, tal-interpretazzjoni, viżivi, arkivjali u tas-sinkronizzazzjoni tal-mużika meħtieġa għall-wiri internazzjonali tal-film qasir sottomess waqt l-Inizjattiva u għall-iskopijiet promozzjonali stabbiliti f'din id-dikjarazzjoni, inkluż fir-rigward tal-assi promozzjonali kollha ppreżentati. Jiena niggarantixxi li l-wiri tal-film qasir mhu se jikser id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, tal-privatezza jew morali ta-ebda parti terza, u naqbel li neħles lill-Kunsill Malti għall-Arti minn kull dannu fir-rigward ta' kwalunkwe talba minn partijiet terzi li tirriżulta minn ksur tad-drittijiet.

B'dan nagħti lill-Kunsill Malti għall-Arti awtorizzazzjoni mhux esklużiva biex juri l-film qasir fis-Suq uffiċjali tal-Films Qosra f'Clermont-Ferrand (1–4 ta' Frar 2027). Barra minn hekk, nagħti lill-Kunsill Malti għall-Arti d-dritt mhux esklużiv li jirriproduċi, jippubblika u jqassam ritratti tal-produzzjoni, vidjows b'siltiet mill-film, il-loglines, ir-ritratti tal-wiċċ tad-direttur/produttur u l-metadata tal-krediti ppreżentati f'pubblikazzjonijiet uffiċjali, stqarrijiet għall-istampa, fuq portali online, fuq il-midja soċjali u fil-fuljett uffiċjali tas-suq, dment li jkunu relatati mal-inizjattiva msemmija hawn fuq, għad-durata tal-Inizjattiva u wara għal finijiet ta' arkivjar u rappurtar.

Niggarantixxi li l-film qasir huwa kompletament lest mil-lat tekniku u nimpenja ruħi li ngħaddi lill-Kunsill Malti għall-Arti Digital Cinema Package (DCP) kompletament konformi u mhux kriptat, flimkien mal-assi promozzjonali kollha meħtieġa li jkunu lesti biex jiġu ppubblikati, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, l-4 ta' Diċembru 2026 f'12:00 (nofsinhar) CET. Barra minn hekk, nimpenja ruħi li nżomm il-link u l-password tal-kopja online għall-wiri minn qabel attivi, aċċessibbli u funzjonali tal-inqas sal-20 ta' Frar 2027.

Malli nirċievi n-notifika uffiċjali tal-għażla, nimpenja ruħi li nikkomunika l-konferma tal-aċċettazzjoni tiegħi b'mod formali bil-miktub fi żmien tlett (3) ijiem tax-xogħol. Jiena nirrikonoxxi li kwalunkwe nuqqas tiegħi li nżomm mal-iskadenzi stabbiliti għat-twassil, jew jekk nonqos milli nipprovdi DCP konformi jew milli nipprovdi konferma mhux ambigwa tal-aċċettazzjoni se jwassal għal skwalifika amministrattiva immedjata. F'każ ta' tali skwalifika, il-post allokat fil-wirja jintilef awtomatikament u jiġi riallokat lill-applikant li jkun imiss bl-ogħla punteġġ fil-lista ta' riżerva.

Jiena nirrikonoxxi li l-appoġġ taħt din is-Sejħa strettament mhuwiex finanzjarju u jinkludi aċċess għas-sala tal-wiri fis-suq, is-setup tekniku u l-pubblikazzjoni promozzjonali. Din is-Sejħa ma tipprovdix għotjiet finanzjarji diretti, akkreditazzjonijiet għas-suq jew kopertura tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni jew tas-sussistenza ta' kuljum imġarrba mid-delegati parteċipanti. Il-Kunsill Malti għall-Arti ma għandu l-ebda responsabbiltà għal ebda impenn finanzjarju personali, arranġament tal-ivvjaġġar jew spejjeż ta' partijiet terzi mġarrba mill-applikant, u lanqas għal kwalunkwe telf jew ħsara li jirriżultaw mill-kanċellazzjoni, il-posponiment jew il-modifika tas-Suq tal-Films Qosra, minn ħsarat tekniċi lil hinn mill-kontroll raġonevoli tiegħu jew minn kwalunkwe avveniment ieħor ta' forza maġġuri.

Nirrikonoxxi li d-data personali u d-data tal-entità se jiġu pproċessati mill-Kunsill Malti għall-Arti għall-finijiet amministrattivi, ta' evalwazzjoni u promozzjonali ta' din is-Sejħa skont ir-Regolament (UE) 2016/679 (GDPR) u l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data (Kapitolu 586 tal-Liġijiet ta' Malta). Nikkonferma li l-individwi kollha li ġiet sottomessa d-data personali tagħhom (inklużi r-ritratti tal-wiċċ) ġew infurmati b'dan l-ipproċessar u qablu miegħu.

Din id-dikjarazzjoni għandha tkun irregolata mil-Liġijiet ta' Malta, u l-Qrati ta' Malta għandu jkollhom ġuriżdizzjoni esklużiva fuq kwalunkwe tilwima li tirriżulta minnha jew b'rabta magħha.

Isem l-Applikant: _____
Isem l-Entità Awdjoviżiva Indipendenti: _____
Indirizz tal-email għan-notifiki: -_____

Numru tal-Karta tal-Identità / tal-Passaport:

_____

Firma: _____

Data: _____